MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 117/2005

Carmel Scicluna .

Vs

Direttur Registru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur wara li ppremetta :

Illi fl-att tat-twelid tiegħu, Carmel Scicluna, bin-numru progressiv ta' erba' mija u sebgħa u ħamsin tas-sena elf disa' mija u tletin (457/1930) (dokument A) fil-kolonna ntestata *ismijiet mogħtija* l-ewwel isem tiegħu huwa ndikat bħala *Carmelo* mentri l-isem korrett għandu jkun *Carmel* kif anke jirriżulta mir-reġistru batteżimali tal-Parroċċa ta' Għajnsielem, Għawdex (Dokument B) ;

Illi fl-istess att fil-kolonna ntestata *Isem jew Ismijiet li bihom it-Tarbija għandha tiġi msejħa* hemm ukoll imniżżel l-isem *Carmelo* mentri l-isem li bih dejjem issejjaħ ir-rikorrenti huwa *Carmel* kif jirriżulta minn diversi atti nklużi l-passaport u l-karta ta' l-Identita' (dokument C sa H); is-seaman's record book (Dokument I); u dokumenti varji oħra f'kull qasam tal-ħajja ta' kuljum (Dokument J sa Q) ;

Illi fl-atti taż-żwieġ ta' Carmel Scicluna bin-numru ħamsa u erbgħin tas-sena elf disa' mija tnejn u sittin (45/1962) (Dokument R) fil-kolonna *intestata dikjarazzjoni tal-miżżewġin, inkella tal-Kappillan jew Qassis ieħor, jew tan-Nutar* l-isem *Carmelo* għandu wkoll jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

Talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' erba' mija u sebgħa u ħamsin tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) fil-kolonna *intestata Ismijiet mogħtijin* l-isem *Carmelo għandu* jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 457/1930 fil-kolonna *intestata Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa* billi l-isem *Carmelo* jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

3. Tordna l-korrezzjoni fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv ħamsa u erbgħin tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (45/1962) fil-kolonna *intestata isem u Kunjom* l-isem *Carmelo* għandu jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

4. Tordna l-korrezzjoni fl-istess att taż-żwieġ fil-kolonna intestata *dikjarazzjoni tal-miżżewġin, inkella tal-Kappillan jew Qassis ieħor, jew tan-Nutar* l-isem *Carmelo* jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

Bl-ispejjeż .

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess attur ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat ukoll id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess ċitazzjoni .

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tal-konvenut, u li ġġib id-data ta' Il-4 ta' Jannar, 2006 .
Rat ukoll id-degriet tagħha tat-28 ta' Novembru, 2005, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur li pproċeda b'din il-kawża permezz tal-benefiċċju ta' l-għajnuna legali .

Il-Qorti, wara li semgħet lill-attur jikkonferma d-dikjarazzjoni tiegħu, u peress li jidhrilha li t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi,

1. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' erba' mija u sebgħa u ħamsin tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) fil-kolonna *intestata Ismijiet mogħtijin* l-isem *Carmelo għandu* jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 457/1930 fil-kolonna *intestata Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa* billi l-isem *Carmelo* jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

3. Tordna l-korrezzjoni fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv ħamsa u erbgħin tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (45/1962) fil-kolonna *intestata isem u Kunjom* l-isem *Carmelo* għandu jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

4. Tordna l-korrezzjoni fl-istess att taż-żwieġ fil-kolonna intestata *dikjarazzjoni tal-miżżewġin, inkella tal-Kappillan jew Qassis ieħor, jew tan-Nutar* l-isem *Carmelo* jiġi sostitwit bl-isem *Carmel .*

Minħabba n-natura ta' din il-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------